# L-1917: Sena Memorabbli

**Kitba u Riċerka ta' Jeremy Debono**
*B.A. (Hons.) History & Dip. A.R.M. (Melit.)*

Mitt sena ilu, l-1917 kienet sena memorabbli għall-Komunità Ġużeppina tar-Rabat tal-Imdina, kemm għall-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp kif ukoll għall-Banda Dekana L'Isle Adam, għalhekk xieraq li f'dan iċ-ċentinarju nagħtu ħarsa lejn din is-sena imnizzla b'ittri tad-deheb fl-istorja tagħna u fl-istess ħin nirrikonoxxu l-isforzi u l-ħidma ta' dawk ta' qabilna biex illum qegħdin ingawdu l-frott ta' ħidmiethom.

## Il-Festa ta' San Ġużepp terġa' tibda tiġi ċċelebrata nhar id-19 ta' Marzu.

Fl-1911 il-Papa Piju X b'*Moto Propio* naqqas innumru tal-festi kmandati u l-festa ta' San Ġużepp spiċċat mid-19 ta' Marzu u bdiet tiġi ċċelebrata fittielet Ħadd fuq l-Għid. Għalkemm l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp obdiet din l-ordni baqgħet tistinka u taħdem biex din il-festa terġa' tikseb id-dinjità li jixirqilha nhar id-19 ta' Marzu. Fl-1916 il-festa ġiet iċċelebrata nhar l-Erbgħa fuq it-tieni Ħadd tal-Għid, billi kien jum ta' xogħol, il-festa bgħatiet ħafna. L-Arċikonfraternità talbet lill-Kapitlu tal-Katidral biex il-festa terġa' tiġi iċċelebrata nhar id-19 ta' Marzu kif kien ilu jsir għall-sekli sħaħ u l-Kapitlu jibqa' jieħu sehem billi jiċċelebra l-festa. Din ittalba intlaqgħet mill-Kapitlu nhar l-1 ta' Jannar 1917 u għalhekk wara nuqqas ta' 5 snin il-festa ta' San Ġużepp reġgħet ġiet iċċelebrata fid-19 ta' Marzu. Din l-aħbar twasslet lill-fratelli fil-konsulta ġenerali li saret fit-28 ta' Jannar 1917, li ddeċidiet ukoll kif kellha tiġi ċċelebrata l-Festa. Kien xieraq li din tkun festa speċjali, iżda fl-istess ħin ristretta minħabba l-Gwerra l-Kbira li kienet għaddejja fl-Ewropa sa mill-1914. Fil-knisja kellu jsir kollox bħas-soltu iżda fuq barra minħabba l-liġi militari kien projbit li ssir illuminazzjoni għalhekk kien deċiż li jintramaw biss Triq San Pawl, San Ġużepp u Santu Wistin bilbnadar u l-liedna u l-istatwi u jsiru biss marċ lejliet u żewġ baned nhar il-Festa.[1]

Il-15, is-16 u s-17 ta' Marzu, kienu l-jiem tat-Tridu Solenni; filgħodu kienet issir quddiesa kantata u filgħaxija l-prietka tat-tridu li għall-dik is-sena saru mill-Kanonku Dun Vinċenż Vella A.T., Kappillan tal-Isptar Santu Spirtu u Rettur tal-Arċikonfraternità. Dan kien Tridu mill-aqwa li ħareġ mill-qalb u l-fomm ta' saċerdot Ġużeppin magħruf u magħdud bħala wieħed mill-aqwa predikaturi ta' Malta u kien imfaħħar anki fil-ġurnali: *Dun Vinċens għamel tliet paniġirki li bihom wera l-kapaċità u l-għerf tiegħu, kien ammirat minn kull min semgħu, fejn kien hemm Kanonċi tal-Katidral, qassisin u reliġjużi mill-Ordnijiet kollha u rjus kbar ta' professjoni, kulħadd stagħġeb bl-abbiltà tiegħu għall-pulptu u tawh prosit mill-qiegħ ta' qalbhom speċjalment il-Patrijiet Dumnikani li kuljum kienu jisimgħu b'attenzjoni kbira għaliex din il-ġawhra ta' saċerdot ħarġet mill-Kulleġġ tagħhom għalhekk l-unur hu kollu tagħhom. Wara l-prietka kienu jsiru l-innu, l-antifona, u Tantum Ergo hawn kellna xorti nammiraw il-kapaċità ta' ġuvni li dderiġa l-orkestra s-Sur Emmanuele Gatt iben is-Surmast Lorenzo organista tal-Katidral. Kapaċi daqs missieru.*[2]

F'dawn il-jiem għamel maltemp kbir għalhekk fuq barra ma seta' jsir xejn iżda l-poplu ikkonkorra xorta għall-funzjonijiet. Kif intemm it-tridu u feġġ il-jum tat-18 ta' Marzu lejliet il-festa t-temp irranġa u l-armar intrama matul il-lejl: *nagħtu proset lil Prokuratur nitolbuh jgħannaq minn flokna lil dawk il-ġuvintur tassew żelanti li qamu fis-1.00 ta' billejl biex żejnu dawn it-triqat li minħabba fil-maltemp ma setgħux qabel.*[3] It-temp fetaħ u t-toroq intramaw biex lejliet il-festa setgħet issir *it-transulazzjoni* blistatwa tal-Papa Piju IX, li għal dik is-sena sar fit-18 ta' Marzu fit-8.00 am. Minħabba li filgħaxija ma setgħux jixgħelu dwal. Din kienet l-ewwel darba li din l-istatwa monumentali intramat fil-jiem tal-Festa fix-xahar ta' Marzu. Imbagħad fis-1.00 pm preċiżi l-Banda L'Isle Adam għamlet is-*soltu marċ kbir u solenni* fejn żanżnet sett ta' 12-il marċ ġdid. Fl-4.00 pm saret it-transulazzjoni bir-relikwa ta' San Ġużepp li tmexxiet mill-W.R. Provinċjal Franġisku Galea Lettur Ġenerali li mexxa ukoll il-Primi Vespri Solenni. Fuq barra ma sarux ċelebrazzjonijiet. Imbagħad fil-jum solenni tad-19 ta' Marzu fit-8.00

am wasal proċessjonalment il-Kapitlu tal-Katidral flimkien mal-Arċisqof Mons. Mauro Caruana O.S.B. Isqof ta' Malta, li assista għall-quddiesa; *presbyter assistens*. Il-paniġierku sar minn Mons. Luigi Farrugia Kwareżimalista tal-Knisja Katidrali u kif spiċċa l-Isqof ta l-Barka Papali. Fit-3.00 pm sar paniġirku ieħor mill-Agostinjan Adeodato Schembri. Imbagħad ħarġet il-purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġużepp li kienet akkumpanjata mir-reliġjużi kollha. *Il-Purċissjoni rnexxiet wisq, tassew li San Ġużepp riedha għaliex wara dak it-temp kollu ħarġet bix-xemgħa jixgħel, qabel u fil-ħin tal-purċissjoni l-Banda L'Isle Adam u tal-King's Own daqqew marċijiet sbieħ fost poplu bla qies. It-toroq kienu donnhom l-isbaħ ġardin imżejnin bil-ħdura u l-inwar.*[4] Il-mużika sagra kienet diretta mis-Surmast Riccardo Bugeja Mro. di Cappellà tal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp skont il-Moto Propio. *Il-festa din is-sena minħabba fiż-żminijiet hija żgħira fejn dari, imma l-qalb tal-Maltin hi kbira u għalhekk nitammaw li l-poplu jikkonkorri bil-kotra sabiex jaqla mingħand Ġużeppi l-paċi vittorjuża.*[5]

## Pellegrinaġġ mill-Unione Cattolica San Giuseppe

Nhar il-Ħadd 13 ta' Mejju l-*Unione Cattolica San Giuseppe* organizzat pellegrinaġġ lejn il-kappella ta' San Ġużepp fil-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù tar-Rabat tal-Imdina. Għal din l-okkażjoni kemm il-kappella kif ukoll l-artal maġġur intramaw kif kienu jintramaw fil-festa tal-Patroċinju ta' San Ġużepp, bil-gandlieri tal-injam u bil-ventartal irrakmat.[6] Il-pellegrinaġġ kien magħmul minn madwar 350 pellegrin li waslu bil-ferrovija għall-ħabta tat-3.30 pm fl-istazzjon ta' taħt is-Saqqajja fejn hemm sabu jistennewhom il-Fratelli tal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, li mexxew il-pellegrinaġġ bit-talb tar-Ružarju sal-Knisja Ta' Ġieżu li kienet imżejna għall-okkażjoni u f'nofs il-knisja trijonfalment kien hemm armata l-istatwa ta' San Ġużepp bix-xema' u l-fjuri quddiemu. Fil-bieb tal-knisja laqgħu lill-pellegrini l-Patrijiet Franġiskani, kif daħal kulħadd fil-knisja tkanta *Tantum Ergo* u wara l-Provinċjal Patri Franġisk Galea OFM, għamel prietka konċiża. Fit-tmiem il-prietka wasal l-Isqof Mauro Caruana, li wara li sellem lis-Sagrament ħa postu u l-kor tal-i*Scoula Cantorum* kanta l-*Quiumque,* imbagħad b'vuċi għolja l-Kan. Galea qara l-att ta' konsagrazzjoni lill-Patrijarka San Ġużepp. Il-pellegrinaġġ intemm bil-Barka Sagramentali li ngħatat mill-Isqof f'silenzju profond bit-talb offrut lil Ġesù u lil San Ġużepp jitla' quddiem it-tron ta'Alla bħal sħaba ta' inċens.[7]

## Festa oħra f'Ottubru

Fil-15 ta' Settembru 1917 il-Papa Benedittu XV fil-Kodiċi tad-Dritt Kanoniku reġa' għamel il-festa ta' San Ġużepp waħda ta' Preċett nhar id-19 ta' Marzu għall-Knisja Kattolika kollha. Aħbar bħal din ma setgħetx ħlief tnissel ferħ u sodisfazzjoni fil-Fratelli tal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp li kien



**Il-Markis Carlo Ermolao Zimmermann Barbaro**



**Kan. Vincens Vella, li għamel it-Tridu 100 sena ilu.**

bis-saħħa tagħhom li dan seħħ. Għalhekk il-konsulta ġenerali tat-18 ta' Ottubru 1917 iddeċidiet li nhar il-Ħadd 28 ta' Ottubru issir ġurnata ta' ringrazzjament lil Alla. Iżżejnet il-kappella ta' San Ġużepp u nħarġet il-vara tiegħu. Is-sibt lejliet il-Festa u nhar il-festa f'12.00pm indaqqet mota solenni.[8] Il-Ħadd filgħodu d-Dekan Kuditur Mons. Ġużeppi de Piro Navarra, Protettur tal-Arċikonfraternità, qaddes quddiesa bit-tqarbin ġenerali għat-Terzjarji Franġiskani u l-Fratelli u l-Konsorelli tal-Arċikonfraetnità għall-bżonnijiet tal-Papa u bħala ringrazzjament ta' din il-grazzja. Fit-3.30 pm saret il-kurunella u r-Rettur Dun Viċenż tela' fuq il-pulptu u għamel prietka l-aktar sabiħa li bdiet bil-kliem: *Annuntio vobis gaudium magnum,* (ġejt inħabbrilkom ferħ kbir), imbagħad sar ir-Ružarju, l-Innu u l-Antifona ta' San Ġużepp li kif spiċċa tkanta *Te Deum Laudamus* solenni bħala ringrazzjament lil Alla u ngħatat il-Barka Sagramentali, li temmet din *iż-żgħira tifkira però tibqa dejjem imwaħħla fil-qalb tad-devoti kollha ta' dan il-kbir Patrijarka.* Il-Banda L'Isle Adam għamlet programm sabiħ quddiem il-knisja.[9]

### Il-Banda L'Isle Adam

L-1917 kienet ukoll sena memorabbli għall-Banda L'Isle Adam, fejn kisbet numru ta' suċċessi b'esekuzzjonijiet mill-aqwa li tat. Fl-1917 is-Surmast Direttur tal-Banda L'Isle Adam kien il-Profs. Gaetano Grech. L-ewwel servizz li kellha l-Banda kien il-programm annwali tal-25 ta' Jannar festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl titular tal-Katidral ta' Malta fl-Imdina. Il-programm tħabbar fil-ġurnali, iżda ġie trasferit minħabba li lejlietu miet il-Kommendatur Markiż Carlo Ermolao Zimmerman Barbaro, li kien ilu President Onorarju tal-Każin mill-1911. Għall-funeral tiegħu s-Soċjetà ħadet sehem bis-soċi u l-bandisti. Għalhekk dan il-Programm ġie esegwit nhar il-Ħadd 11 ta' Frar. Programm ieħor fuq is-Saqqajja sar nhar il-Ħadd 9 ta' Marzu.[10]

Imbagħad kien imiss is-sehem tal-Banda fil-festa ta' San Ġużepp li din is-sena kien inqas minn snin oħra imma lura fix-xahar ta' Marzu. Apparti s-sehem tal-Banda kif imsemmi aktar 'il fuq kien hemm ċerimonja speċjali li xieraq tissemma. *Nhar it-18 ta' Marzu filgħodu saret ċerimonja fil-Każin L'Isle Adam li dak iż-żmien kien fi 33 Triq Santu Wistin, tal-preżentazzjoni ta' standart ġdid xogħol il-ħajjat Giovanni Portelli, ġentilment offrut mill-Ammiraturi u s-sostenituri tal-Banda. Il-preżentazzjoni saret mill-Illustrissimu Baruni Gino de Piro li għamel diskors fejn ħeġġeġ lill-Bandisti biex ikomplu jipperfezzjonaw dejjem aktar fl-isbaħ fost l-arti; il-Mużika. Billi kien għadu kif miet il-President Onorarju biex jirċievi dan ir-rigal is-soċi għażlu mnfloku lill-Avukat Enrico Mizzi, li għamel ukoll diskors fejn talab lill-Baruni de Piro biex iwassal mhux biss ir-rikonoxxenza tas-soċi lejn l-ammiraturi imma jassigurahom li s-Soċjetà u l-Filarmonika L'Isle Adam ser ikunu aktar jixirqilhom il-fiduċja tagħhom fihom billi ser jibqgħu jipprogressaw fl-arti tal-mużika u jibqgħu fuq*



Prof. Gaetano Grech li mexxa l-Banda L'Isle Adam sal-1917



Mro Emmanuele Bartoli li reġa' beda jmexxi l-Banda L'Isle Adam 100 sena ilu

*quddiem fid-difiża u fl-affermazzjoni tad-drittijiet u l-aspirazzjonijiet nazzjonali. Iż-żewġ diskorsi kienu applawditi minn dawk kollha preżenti u wara kien hemm buffet mill-aqwa. L-Avukat Mizzi għamel brindisi għas-saħħa tas-Soċjetà u l-Filarmonika u awguralha kull prosperità għall-ġid tal-arti u l-patria. Tkellem ukoll il-Kan. Vinċens Vella Rettur tal-Arċikonfraetnità ta' San Ġużepp li rringrazzja lill-Baruni de Piro u l-Avukat Mizzi tal-unur li għoġobhom jagħmlu lis-Soċjetà u spjega l-istorja taċ-ċiviltà antikissima tal-Belt Notabile, u faħħar il-Filarmonika għall-merti artistiċi tagħha, u mess il-korda tal-patrijottiżmu fejn ħeġġeġ lil kulħadd biex jibqgħu maqgħudin mingħajr passjoni partiġġjana għall-ġid tar-reliġjon u ta' Art Twelidna.* Hekk kif intemm dan ir-riċeviment il-Banda L'Isle Adam għamlet il-marċ tal-festa fejn għall-din l-okkażjoni żanżnet sett ta' 12-il marċ brijuż ġdid.[11]

Wara l-festa ta' San Ġużepp kien imiss il-Ġimgħa l-Kbira, u għall-din s-sena wkoll il-Banda żanżnet sett ġdid ta' Marċi Funebri li kienu:

1. A Mio Figlio – S. Mallia
2. Penose Remembranze – Ronge
3. Viamo Sempre – Cirenei
4. * Notturno – L. Gatt
5. Gli Eroi – Penna
6. * Notturno – C. Camilleri
7. A Mia Madre – Cina

N.B. I numeri marcati sono con voci puerile[12]

Il-Ġimgħa l-Kbira kienet nhar is-6 ta' April, imbagħad nhar Ħadd il-Għid fir-Rabat saret Badge Day u għaliha l-Banda L'Isle Adam diretta mis-Surmast Grech daqqet dan il-programm fuq is-Saqqajja: Marcia – I Diavoli Rossi – Rivela

Sinfonia – Il Guarany – Gomez
Melodia – Il Libro Santo – Pinsuti
Intro. e Fin. 3zo. – Manon Lescout – Pucchini
Grande Scelta – La Gioconda – Ponchielli
Inno L'Isle Adam Prof. G. Grech
Dio salvi il Re[13]

Is-Soċjetà Mutuo Soccorso King's Own tal-Belt organizzat fiera ta' beneficenza fil-Ġonna tal-Argotti, *iżda billi bosta mill-Bandisti tal-King's Own kienu fil-militar u dakinhar ma setgħux joħorġu biex idoqqu mal-Banda, minflok ġiet mistiedna l-Banda L'Isle Adam li aċċetat dan is-servizz allavolja fi ftit żmien u ħarġet bl-unuri kollha fejn kienet applawdita mill-pubbliku intelliġenti li jattendi għall-fieri bħal dawn fl-Argotti. Fl-intervall il-Viċi President tal-King's Own ippreżenta bukkett fjuri lis-Surmast Grech u wara l-Banda kollha kienet mistiedna għall-riċeviment fil-Każin King's Own.*[14] Dan kellu jkun l-aħħar programm li jidderieġi s-Surmast Grech għaliex ftit jiem wara bagħat l-ittra tar-riżenja tiegħu minn Surmast Direttur tal-Banda L'Isle Adam minħabba li kien qiegħed jgħajja. Huwa rringrazzja lill-kumitat, lis-soċi u l-bandisti, tar-rispett li dejjem urewh kemm dam Direttur tal-Filarmonica L'Isle Adam.

Bħala Surmast Direttur ġdid inħatar Emanuele Bartoli, diġà Surmast tal-Banda L'Isle Adam; ħabib u benefattur kbir tagħha. L-ewwel programm li dderieġa kien nhar il-Ħadd 26 ta' Mejju fuq is-Saqqajja fejn indaqqet għall-ewwel darba ir-riduzzjoni ta' Mro Bartoli tas-Sinfonija *I Cavallieri di Malta* ta' Mro Antonio Nani. Din is-silta intlaqgħet tajjeb ħafna mill-pubbliku kemm minħabba sentiment patrijottiku kif ukoll minħabba l-kwalità tagħha fejn kienet applawdita bil-kbir.[15] Minkejja dan il-programm il-ħatra uffiċjali ta' Mro. Bartoli kienet approvata mill-Kumitat fit-3 ta' Ġunju. Għall-Imnarja l-Banda daqqet kemm il-Buskett fil-Wirja Agrarja kif ukoll fuq is-Saqqajja fejn reġgħet kisbet suċċess kbir. " *Il-Ġimgħa l-oħra fi Pjazza Saqqajja s-Soċietà Filarmonica L'Isle Adam esegwiet Programm mużikali. Id-direzzjoni tal-istess Soċjetà Filarmonica sa ftit jiem ilu kienet f'idejn il-margħuf Mro Gaetano Grech, dejjem rispettat mis-Soċi kollha tal-Każin L'Isle Adam iżda minħabba l-għeja kawża tal-ħafna impenji li huwa għandu kellu jirtira u ċeda id-direzzjoni tal-Banda f'idejn Mro. Emanuele Bartoli. L-eżatteza fl-esekuzzjoni tal-programm kienet xi ħaġa meraviljuża. Id-Direttur Emanuele Bartoli u l-bravi Bandisti interpretaw is-sentimenti grandjużi ta' diversi awturi, fejn il-folla kbira baqgħet tisma u ċċapċap għall-bosta drabi lil din il-Brava Soċietà Filarmonica".*[16]

Għall-festa tal-Madonna tal-Karmnu fl-Imidna reġgħet ġiet esegwita s-Sinfonija *I Cavalieri di Malta,* għal din l-okkażjoni kien mistieden l-awtur stess Mro Antonio Nani li wara l-programm kien mistieden għat-trattament fiċ-Circolo Alfonso Re d' Aragona u fil-Każin L'Isle Adam.[17]

Nhar l-4 ta' Awwissu għall-Festa ta' San Duminku fil-Belt Valletta, il-Banda kienet mistiedna mill-King's Own biex tagħmel programm fi Pjazza Tesoreria, b'radd il-ħajr tal-għajnuna fil-fiera li saret fl-Argotti. Fil-Ġurnal Malta tal-14 ta' Awwissu 1917 il-Filarmonica L'Isle Adam terġa' taqla tifħira oħra għall-esekuzzjoni ta' dan il-Programm. Taħt it-titlu: "*La Filarmonica L'Isle Adam*", il-korrispondent li iffirma taħt "D" ifaħħar il-Banda tal-esekuzzjoni li tat taħt id-direzzjoni ta' Mro Bartoli bi programm varjat imma diffiċli. "*Fi tmiem il-programm kien offrut lill-Isle Adam standart mill-isbaħ mill-Banda King'Own mhux biss bħala premju tal-valur artistiku muri mill-filarmonica imma anki bħala rikonoxximent tal-għajnuna valida li hija tat*

*fl-okkażjoni tal-fiera ta' beneficenza li saret fl-Argotti fir-rebbiegħa. Il-magħruf Mro Bartoli kien mistieden il-Każin Malti fejn kien trattat b'bibita mis-Soċi*".[18] Fl-istess jum li dehret din it-tifħira u l-għada festa ta' Santa Marija l-Banda ħadet sehem fil-festa ta' Santa Marija f'H'Attard.[19] Imbagħad erbat ijiem biss wara nhar il-Ħadd 19 ta' Awwissu l-Banda marret Tas-Sliema għall-festa ta' Stella Maris fuq stedina tal-Każin Stella Maris li rregala standart ieħor lil Banda tagħna.[20] Filwaqt li nhar l-24 ta' Awwissu marret il-Għargħur għall-Festa ta' San Bert fejn kienet taħt id-direzzjoni tal-Assistent Direttur Carmelo Camilleri.[21] Iżda bħal donnu dan ma kienx biżżejjed għax il-Banda reġgħet għamlet żewġ programmi fuq is-Saqqajja nhar it-28 ta' Ottubru[22] u fis-27 ta' Novembru.[23] Għall-festa ta' Santa Katarina fiż-Żurrieq għamlet żewġ programmi lejliet u nhar il-Festa.[24]


Esercizj
Pei Venerdì di Quaresima
Nell' Oratorio della Veneranda
Arciconfraternita S. Giuseppe
Esistente nella Chiesa dei R. R. P. P.
Minori Osservanti del Sobborgo
Della Notabile
1897.

*L-ewwel paġna mill-manuskritt miktub minn Dun G.B. Busutti*

## 100 sena mill-mewt ta' Dun Giovanni Battista Busuttil

Fid-9 ta' Ġunju 1917, l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp tilfet wieħed mill-aktar Prokuraturi tal-Artal ħabrieka li kellha. Dan ma kien ħadd ħlief Dun Giovanni Battista Busuttil.

Giovanni Battista twieled ir-Rabat tal-Imdina nhar l-14 ta' Frar 1861 iben Pawlu u Marija Antonia. Kien ordnat Saċerdot mill-Isqof Antonio M. Buhagiar nhar id-19 ta' Diċembru 1885. Saċerdot żelanti, wieħed mill-Kappillani tal-Kor tal-Knisja Katidrali kif ukoll Surmast tal-Kor tal-istess Katidral billi kien imħarreġ tajjeb ħafna fil-Kant Gregorjan. Inħatar Kappillan tal-Kor ftit wara li qaddes eżattament fil-21 ta' April 1886 u ħa l-ġurament tal-ħatra fil-5 ta' Mejju.[25] Waqt li bħala Surmast tal-Kor inħatar fit-13 ta' Ottubru 1891.[26]

Ipprofessa fratell fl-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp nhar id-19 ta' Marzu 1877 meta kien għadu Abbati u sentejn wara diġà nsibuh inkarigat mill-ġbir tal-Albural. Fl-1884 inħatar bħala Prokuratur tas-*Soċietà di Messe*, sentejn wara inħatar Prokuratur tal-Konsorelli. Imbagħad fl-1888 inħatar Prokuratur tal-Artal, kariga li baqa' jokkupa u jiġi konfermat fiha sal-1916 karriera ta' 28 sena sħaħ. Fi żmienu bħala Prokuratur tal-Artal saru bosta opri kbar fil-Knisja u l-Oratorju li kien inkarigat minnhom jew bħala Prokuratur tal-Artal jew inkella fil-ġbir għalihom. Fost l-akbar opri nsemmu t-tlestija tat-tapezzerija ta' damask tal-palma tal-ħarir aħmar li ntemm fl-1904, il-gandlieri tal-artal maġġur kif ukoll dawn għall-artal tal-kappella ta' San Ġużepp, l-arkaturi l-kbar u ż-żgħar kif ukoll il-mazzettuni tagħhom li jintramaw fil-festa, u l-gandlieri l-ġodda għall-artali tal-ġenb kif ukoll l-istatwetti ta' bejniethom li kien l-aħħar proġett li sar meta kien għadu ħaj. Apparti dan irregala ukoll xi affarijiet fosthom fl-1900 tvalja u gredenzina tal-għażel bil-ħarir xogħol oħtu Rosanna[27]. Fl-1905 irregala sitt tvalji tal-għażel għall-artali għall-festa xogħol ta' ħutu Ġużeppa u Rosanna.[28] Fl-1910 irregala *acquajio* jew *lavabo* għas-sagristija tal-Oratorju. Kien ukoll esekutur tat-testment ta' Gaetano Calleja Vitale, Rettur u benfattur ieħor tal-Arċikonfraternità, b'tifkira tiegħu għamel inkwatru bi skrizzjoni taħtu kif ukoll mill-flus imħollija nxtara baċir tal-fidda li sewa £10. Dawn iż-żewġ opri saru fl-1907.[29] Apparti hu anki ħutu x-xebbiet Rosanna u Ġużeppa kienu wkoll attivi fl-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp l-aktar bix-xogħol tal-ħjata fejn insibuhom it-tnejn fost dawk li kienu jħitu d-damask il-ġdid kif

ukoll ħietu xi affarijiet li ġew regalati minn ħuhom stess. Fl-Arkivju tal-Arċikonfraternità apparti li nsibu l-kotba tal-amministrazzjoni tiegħu bħala Prokuratur tal-Artal insibu ukoll żewġ manuskritti oħra minn idejh wieħed dwar it-Tridu tal-Festa ta' San Ġużepp u l-ieħor dwar il-Ġimgħat tar-Randan jew il-*Venerdì di Quaresima*. Dawn jikkonsistu fil-funzjonijiet li kienu jsiru u kif kellhom jitmexxew. Fil-fatt insibu aktar minn kopja waħda tagħhom billi kienu jintużaw miċ-ċelebranti.

Kif kiteb fl-obitwarju li deher fil-gazzetta *Malta* Vi. Ve.ħadd ħlief Vincenso Vella dakinhar Rettur tal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, *kien nhar is-Sibt 9 ta' Ġunju li fid-dar tiegħu, Nru. 1 Strada Reale l-Imdina li "bis-serenità tal-ġust li jistenna mis-Sema l-ħlas tat-taħbit f'din l-art għal Alla, u għall-ġid tal-Proxxmu, konfortat mis-Sagramenti Mqaddsa s-Saċerdot Giovanni Battista Busuttil mill-Imdina fl-10.30 pm reħa ruħu f'idejn Alla*."[30] Ħalla jibku t-telfa tiegħu ġemgħa kbira ta' qraba u ħbieb fosthom lin-neputi Dun Pawl Vassallo.[31] Fil-konsulta imlaqqa' nhar il-25 ta' Ġunju insibu mniżżel hekk: "*Sono passato agli eterni riposi il Nostro Consodale Don Giobatta Busuttil ognuno sa che zelo mostra verso questa Arciconfraternità molto piu durante i lunghi anni di Procuratore che con massima esattezza esercito zelo cosi grande che fin dalla bocca dei ragazzi si sentiva udire che Procuratore come Don Giobatta ne ebbe e ne avra la Veneranda Arciconfraternità di San Giuseppe*. B'sinjal ta' rikonoxxenza f'għeluq ix-xahar mill-mewt tiegħu nhar id-9 ta' Lulju ġiet iċċelebrata quddiesa solenni kantata bil-kant tal-Laudi fl-Oratorju.[32]

**Referenzi**

1 Arkivju Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, Rabat, *Libro Consulte F*, p 21
2 Din id-deskrizzjoni tal-festa hija meħuda mill-Gazzetta *Malta Tagħna* tal-31 ta' Marzu 1917
3 Ibid.
4 Ibid
5 Ibid.
6 *Libro Consulte F.*
7 Gazzetta, *Malta*, 18 ta' Mejju 1917 p 1
8 *Libro Consulte F*, pp. 35-6
9 L-Eden ta' San Ġużepp.
10 *Malta Tagħna*, 10 ta' Marzu 1917.
11 *Malta*, 19 ta' Marzu 1917, pp. 1.
12 *Malta*, 3 ta' April 1917, pp. 2.
13 Ibid.
14 *Malta Tagħna*, 26 ta' Mejju 1917.
15 *Malta*, 28 ta' Mejju 1917.
16 *Ibid.*, 2 ta' Lulju 1917 p. 2.
17 *Ibid.*, 20 ta' Lulju 1917 p.2
18 *Ibid*, 14 ta' Awwissu 1917.
19 Ibid.
20 *Malta*, 17 ta' Awwissu 1917 pp.2 u *Malta Tagħna*,18 ta' Awwissu 1917.
21 *Malta*, 22 ta' Awwissu 1917, p. 2
22 Ibid., 26 ta' Ottubru 1917
23 Ibid., 25 ta' Novembru 1917
24 *Malta Tagħna*, 24 ta' Novembru 1917.
25 Archivium Cathedralis Melitensis, *Registrum Electionum ed Deputationum Officialium,* f 28 r.:Puntatore di Coro: Item elegavit et nominavit in Alterum Puntatorem Chori Rev[eren]dum D[omi]num Sac. Ioannem Baptistam Busuttil.
26 Ibid. *Registrum Deputationum Personarum addictam primo loco servitio Cathedralis Ecclesia Meliten* p. 28: Elegit et nominavit Ioannes Baptistam Busuttil in Magistrum Chori Ecclesia Cathedralis.
27 A.A.S.Ġ.R., *Inventario1910*, f. 55.
28 Ibid., *Libro Consulte E*, f. 107r., *Inventario1910*, f. 57.
29 Ibid., *Inventario1910*, f. 47.
30 *Malta*, 11 ta' Ġunju 1917, p. 3.
31 Kemm l-obitwarju miktub mill-Kan. Vella kif ukoll il-lista tal-qassisin li mietu fl-aħħar sena fl-*Ordo* tal-1918 jagħtu l-età żbaljata tiegħu billi fil-verità Dun Giobatta kellu 56 sena.
32 A.A.S.Ġ.R., *Libro Consulte F*, p. 31-2.


KSB Self Service

Riebu Well Street, Rabat



Opening Hours
Monday to Friday
6.00am - 7.00pm
Saturday
6.00am - 2.00pm



Mob: 9942 1545

Free delivery, gifts with every purchase over €20